MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-26 ta' April, 2005

Talba Numru. 1648/2004

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Ruby Attard**

It-Tribunal;
Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-26 t'Awissu 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi ikkundannat ihallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' mija u seba u disghin Lira Maltija u disghin centezmu (Lm197.90) liema somma tirrapprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 187195 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Novembru 2003 u Frar 2004.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment ma' dana l-att u bl-imghaxijiet sad-data

tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gewipprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija sebgha u disghin Liri Maltin u disghin centezmi (Lm197.90), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata ta' l-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-25 ta' Gunju 2004, dawk tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------